

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATIVI

IĊ-ĊENTRU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP TA' TAĦRIĠ
VOKAZZJONALI (CEDEFOP)

AVVIŻ TA' POST BATTAL GĦAL DEPUTAT DIRETTUR (AD 12) (M/F)

(Cedefop/2013/03/AD)

(2013/C 361 A/01)

Il-Bord tat-Tmexxija ta' Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) jistieden applikazzjonijiet għall-kariga ta' Deputat Direttur (perjodu inizjali tal-kuntratt: 5 snin).

I. Min iħaddem

Cedefop huwa l-Aġenzija Ewropea li tippromwovi l-iżvilupp tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) fl-Unjoni Ewropea. Huwa jipprovdi analiżi u riċerka tal-politika u jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tal-VET Ewropea u huwa msieħeb rikonnoxxut fid-dibattiti dwar politika u xjenza fir-rigward tal-VET.

Cedefop jipprovdi konsulenza, riċerka, analiżi, informazzjoni u jstimula kooperazzjoni Ewropea u taġlim reċiproku. Huwa jgħin fl-iżvilupp tal-VET u fit-tfassil ta' politika mibnija fuq l-evidenza f'oqsma bħal, pereżempju, l-implimentazzjoni tal-ġhodod Ewropej u l-monitoraġġ tal-"proċess ta' Kopenhaġen", antiċipazzjoni tal-htijijiet ta' ħila, titjib fl-għarfien ta' kwalifiki u ħilet għas-sostenn tal-mobilità transkonfinali u investimenti fil-VET.

Cedefop għandu Bord ta' Tmexxija li fih huma rrappreżentati l-gvernijiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, min iħaddem, ħaddiema u l-Kummissjoni Ewropea. Cedefop jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, gvernijiet, rappreżentanti ta' min iħaddem u trejdnunjs, kif ukoll ma' riċerkaturi u Prattikanti. Huwa jipprovdi l-hom informazzjoni aġġornata u analiżi dwar żviluppi, esperjenza u innovazzjoni fil-VET u forums għal dibattitu dwar politika.

Cedefop twaqqaf fl-1975 u ilu mill-1995 stabbilit ġewwa Tessaloniki fil-Greċja. Għandu madwar 130 membru tal-persunal u baġit ta' EUR 17 400 000. Il-lingwa tax-xogħol ta' Cedefop hija l-Ingliż.

Għal aktar informazzjoni dwar l-Aġenzija, ara <http://www.cedefop.europa.eu/EN/>

II. Profil tal-post tax-xogħol

Id-Deputat Direttur jgħin lid-Direttur fit-tmexxija tax-xogħlijiet kif stabbilit fir-Regolament Bażiku, b'mod speċjali fl-Artikoli 2, 3 u 7.

Id-Deputat Direttur jirrapporta direttament lid-Direttur.

Huwa jew hija jieħdu post id-Direttur meta dan tal-aħħar ikun assenti.

Huwa/hija għandhom jassistu lid-Direttur:

- fid-direzzjoni u l-ġestjoni ta' Cedefop u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija,
- fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-programm ta' ħidma ⁽¹⁾ ta' Cedefop f'konformità mal-missjoni ta' Cedefop u mad-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija,
- fit-thejġija tal-attivitajiet tal-Bord ta' Tmexxija u jwieġbu lill-Bord ta' Tmexxija għat-tħaddim ta' Cedefop,
- f'li tkun żgurata l-kwalità tax-xogħol ta' Cedefop u l-iżvilupp tar-reputazzjoni tiegħu bħala mexxej rikonoxxut fil-qasam tal-ġharfien espert tiegħu,
- fit-thejġija u l-implimentazzjoni tal-baġit kif ukoll ġestjoni finanzjarja soda u kontroll intern ⁽²⁾,
- fit-thejġija tar-Rapporti Annwali dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija,
- fil-ġestjoni ta' kuljum taċ-Ċentru u tal-membri tal-persunal tiegħu kollha, inkluż ir-reklutaġġ, is-supervizzjoni u l-iżvilupp ta' persunal u t-trawwim ta' spirtu ta' tim u ta' ambjent tax-xogħol tajbin,
- f'li tkun żgurata r-rappreżentazzjoni u r-relazzjonijiet pubbliċi effettivi ta' Cedefop fuq l-aktar livell għoli fix-xogħol tiegħu mal-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej fl-Unjoni Ewropea kollha, inkluża r-rappreżentazzjoni ta' Cedefop f'konferenzi, seminars u avvenimenti tal-midja,
- fil-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija, il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-partijiet interessati tal-Aġenzija biex jippromwovu l-VET,
- fil-kooperazzjoni mal-korpi kompetenti fl-Istati Membri li jwettqu xogħlijiet simili għal dawk tal-Aġenzija.

Id-Deputat Direttur imexxi wkoll b'mod dirett persunal, servizzi, attivitajiet u kwistjonijiet speċifiċi kif ikun iddelegat mid-Direttur u kif stabbilit fl-oġġettivi (annwali) tiegħu/tagħha.

III. Kriterji ta' eliġibbiltà

Il-kandidati jkunu kkunsidrati għall-fażi tal-għażla fuq il-bażi tal-kriterji formali li ġejjin, li għandhom jitħarsu sal-iskadenza għall-applikazzjonijiet:

- *Nazzjonalità*: ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,
- *Grad jew diploma universitarja*:
 - ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi ma' studji universitarji mitmuma, attestati b'diploma meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew aktar,
 - jew
 - ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali ta' edukazzjoni universitarja jkun mill-inqas ta' tliet snin (din l-esperjenza professjonali ta' sena ma tistax tkun inkluża fl-esperjenza professjonali wara l-gradwazzjoni meħtieġa hawn taħt),

⁽¹⁾ Dan jinkludi l-prijoritajiet fuq żmien medju (<http://www.cedefop.europa.eu/EN/publications/18538.aspx>) kif ukoll il-programm ta' ħidma annwali (<http://www.cedefop.europa.eu/EN/about-cedefop/governance/work-programme.aspx>).

⁽²⁾ Dawn ix-xogħlijiet huma deskritti aktar fid-dettall fir-regoli finanzjarji ta' Cedefop (www.cedefop.europa.eu), fir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 u fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1655/2003.

- *Esperjenza professjonali*: ikollhom mill-inqas 15-il sena ta' esperjenza professjonali full-time ekwivalenti għal livell wara l-gradwazzjoni miksuba wara li jkunu kisbu l-grad universitarju,
- *Esperjenza ta' maniment*: ikollhom mill-inqas 5 snin esperjenza ta' ġestjoni, inkluża ġestjoni ta' riżorsi umani u finanzjarji,
- *Lingwi*: ikunu jafu sewwa ħafna waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jkollhom għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾.

L-applikant għandu wkoll

- ikun kapaċi jippreżenta **referenzi dwar il-karattru** rigward kemm huwa adegwat sabiex iwettaq d-dmirijiet tal-kariga,
- ikun **fiżikament f'saħtu** biex iwettaq id-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni ⁽⁴⁾,
- ikun kapaċi **jwettaq il-perjodu kollu tal-mandat ta' ħames snin** qabel ma jilħaq l-età ta' rtirar (massimu l-aħħar tax-xahar li fih il-kandidat/a jagħlaq/tagħlaq 66 sena ⁽⁵⁾).

Indipendenza u dikjarazzjoni ta' interessi

Id-Deputat Direttur ikun mitlub jagħmel dikjarazzjoni ta' impenn li jaġixxi b'mod indipendenti fl-interess pubbliku u jagħmel dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull interess li jista' jitqies ta' preġudizzju għall-indipendenza tiegħu/tagħha. L-applikanti għandhom jikkonfermaw ir-rieda tagħhom li jagħmlu dan fl-applikazzjoni tagħhom.

IV. Kriterji tal-għażla

Il-kandidati għandu jkollhom:

- ħiliet ta' ġestjoni u ta' tmexxija, inkluża esperjenza fil-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u tar-riżorsi umani,
- fehim tajjeb tal-politika tal-UE fir-rigward tal-VET u oqsma relatati (impjiegi), tal-istituzzjonijiet tal-UE u kif dawn jaħdmu u jinteraġixxu,
- ħiliet evidenzati bi provi fil-ġestjoni ta' proġetti rilevanti ta' riċerka u politika applikati u fl-organizzazzjoni u l-ġestjoni ta' attivitajiet u networks transnazzjonali,
- ħiliet tajbin ħafna ta' preżentazzjoni u l-kapaċità li jinteraġixxu u jinnegozjaw flivell maniġerjali għoli ma' rappreżentanti tal-istituzzjonijiet Ewropej, gvernijiet nazzjonali, l-imsieħba soċjali, eċċ.,
- ħiliet tajbin ħafna ta' komunikazzjoni bil-kitba u bil-fomm. Huwa meħtieġ għarfien tajjeb tal-Ingliż, min-ħabba li din hija l-lingwa li biha jaħdem is-Cedefop.

Il-kriterji li ġejjin jitqiesu bħala **assi addizzjonali**:

- għarfien tal-qafas legali (regolamenti tal-persunal, regoli finanzjarji) li bihom taħdem Cedefop,
- esperjenza professjonali rilevanti fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali,

⁽³⁾ Għarfien sodisfaċenti jitqies bħala l-livell B2 jew ogħla kif imsemmi fil-Qafas ta' Referenza Ewropew (<http://europass.cedefop.europa.eu/en/resources/european-language-levels-cefr>). Għarfien tat-tielet lingwa tal-Unjoni jkun meħtieġ għall-ewwel promozzjoni wara r-reklutaġġ.

⁽⁴⁾ Qabel il-ħatra, isir eżami mediku tal-kandidat magħżul biex jiġi stabbilit li huwa/hija jkunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga.

⁽⁵⁾ Ir-Regolamenti tal-Persunal li huma mistennija li jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 jipprevedu età ta' rtirar obbligatorja ta' 66.

- esperjenza amministrattiva f'kuntast internazzjonali/Ewropew,
- għarfien tajjeb ta' lingwi oħra tal-Unjoni Ewropea.

V. Għażla u ħatra

Il-proċess tal-għażla jkun ibbażat fuq eżami tal-formoli ta' applikazzjoni segwit minn serje ta' intervisti u testijiet, kif spjegat hawn taħt:

1. Kumitat ta' Preselezzjoni, assistit minn konsulent estern, jeżamina l-applikazzjonijiet u jfassal abbozz ta' lista tal-kandidati l-aktar ikkwalifikati li jissodisfaw il-kriterji kollha ta' eliġibbiltà (Taqsimha III) u li l-aktar li jħarsu mill-qrib il-kriterji tal-għażla (Taqsimha IV) għall-kariga.
2. Il-kandidati l-aktar ikkwalifikati ser ikunu mistiedna għal intervista, li tista' ssir bit-telefown u għal ittestjar li jsir minn konsulenti esterni f'isem il-Kumitat ta' Preselezzjoni. Abbażi tar-riżultati ta' dawn l-intervisti u t-testijiet il-Kumitat ta' Preselezzjoni jfassal lista ta' kandidati l-aktar adegwati. Dawn il-kandidati l-aktar adegwati jkunu mistiedna għal intervista mal-Kumitat ta' Preselezzjoni li għandu jstabbilixxi lista mqassra ta' kandidati. Il-kandidati jiġu ttestjati dwar il-profiċjenza tagħhom f'uħud mil-lingwi jew fil-lingwi kollha elenkati fl-applikazzjoni tagħhom.
3. Il-lista mqassra tingħata lill-Bord ta' Tmexxija ta' Cedefop għal deċizzjoni. Il-kandidat magħżul ikun mistenni li jieħu l-kariga fi żmien tliet xhur mill-ħatra.

NB: Il-kandidati jistgħu jkunu mistiedna jipparteċipaw f'ċentru ta' valutazzjoni.

Opportunitajiet indaqs

Cedefop japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u joqgħod attent biex jevita kull forma ta' diskriminazzjoni.

VI. Kundizzjonijiet ta' impjeg

Id-Deputat Direttur jinħatar bħala aġent temporanju fi grad AD 12 ⁽⁶⁾ skont l-Artikolu 2f tal-Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' Impjegati Oħra, għal perjodu ta' ħames snin. Il-mandat jista' jiġġedded darba.

Id-Deputat Direttur ikollu perjodu ta' prova ta' 9 xhur ⁽⁷⁾.

Post tal-impjeg

Il-post tal-impjeg huwa Tessaloniki, fil-Greċja.

Rimunerazzjoni

Ir-rimunerazzjoni tkun ibbażata fuq l-iskala tas-salarji tal-Unjoni Ewropea. Il-paga tkun soġġetta għat-taxxa tal-Unjoni u għal tnaqqis ieħor stabbilit bir-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu hija tkun eżenti minn kull tassazzjoni nazzjonali.

Għal kull informazzjoni oħra dwar il-kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali u għall-Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' Impjegati Oħra, li huma disponibbli minn dan l-indirizz:

http://ec.europa.eu/civil_service/docs/toc100_en.pdf

⁽⁶⁾ Attwalment, is-salarju bażiku fix-xahar għall-grad AD 12 (l-Ewwel Pass) huwa ta' EUR 10 324,20.

⁽⁷⁾ Regolamenti tal-Persunal u Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' Impjegati Oħra Riveduti għandhom jidhru fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 u għandhom jipprovdu l-bażi għal impjeg.

VII. Proċedura ta' applikazzjoni u data ta' għeluq

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu validi, il-kandidati għandhom jissottomettu:

1. ittra ta' motivazzjoni;
2. *curriculum vitae* (CV), preferibbilment abbozzat skont il-format tas-CV tal-Europass ⁽⁸⁾. L-applikanti huma mitluba b'mod espliċitu li jiddeskrivu l-esperjenza u l-għarfien espert rilevanti għax-xogħol, kif ukoll dettalji dwar id-daqs — l-għadd ta' persunal — il-baġit u n-natura tad-dipartimenti li kienu jmexxu preċedentement.
3. formola ta' applikazzjoni mimlija u ffirmata. Il-kandidati għandhom jużaw il-formola ta' applikazzjoni uffiċjali mehmuża ma' dan l-avviż ta' post battal fuq il-websajt ta' Cedefop fuq www.cedefop.europa.eu. Il-formola ta' applikazzjoni għandha tintela bl-Ingliż.

Dokumenti ta' sostenn (eż. kopji ċċertifikati ta' gradi/diplomi, referenzi, prova ta' esperjenza, eċċ.) ma għandhomx jintbagħtu f'dan l-istadju iżda għandhom jingħataw fi stadju ieħor aktar 'il quddiem tal-proċedura jekk jintalbu.

L-applikazzjonijiet, preferibbilment bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż għandhom jikkwotaw in-numru ta' referenza tal-post battal b'mod ċar fuq l-envelopp: Cedefop/2013/03/AD.

Applikazzjonijiet li ma jintlewx korrettament ma jkunux aċċettati.

L-applikazzjoni għandha tintbagħat fl-indirizz postali hawn taħt, b'**posta reġistrata**, sa mhux aktar tard mill-**5 ta' Frar 2014** f'23:59 Ħin tal-Ewropa Ċentrali (data tar-reġistrazzjoni tal-posta).

For the attention of:
The Chairman of the Governing Board of Cedefop
Ref.: Cedefop/2013/08/AD
Cedefop
PO Box 22427
551 02 Finikas (Thessaloniki)
Greece

Il-kandidati għandhom ikunu jistgħu jipproduċu **prova ta' reġistrazzjoni** jekk jintalbu.

Applikazzjonijiet mibgħuta bis-servizz tal-kurrier bieb bieb għandhom jintbagħtu fl-indirizz postali hawn taħt, mhux aktar tard mill-**5 ta' Frar 2014 u d-data ta' meta jintbagħtu għandha tidher b'mod ċar fuq l-envelopp**.

For the attention of:
The Chairman of the Governing Board of Cedefop
Ref.: Cedefop/2013/03/AD
Cedefop
Europe 123
570 01 Pylea (Thessaloniki)
Greece

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu wkoll f'format elettroniku (Word jew pdf) f'dan l-indirizz elettroniku (email): HR_Deputy_Director@cedefop.europa.eu mhux aktar tard min-23:59 Ħin tal-Ewropa Ċentrali tal-5 ta' Frar 2014.

Applikazzjonijiet li jintbagħtu b'email biss ma jkunux aċċettati.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' għażla, kull komunikazzjoni mal-applikanti rigward dan il-post battal issir bl-Ingliż.

⁽⁸⁾ Is-CV tal-Europass jista' jitniżżel minn dan is-sit elettroniku: <https://europass.cedefop.europa.eu/>

Informazzjoni importanti għall-kandidati

- L-applikanti huma mitluba li jirrapportaw kull bidla fl-indirizz, numru tat-telefown jew email bil-miktub u mingħajr dewmien lis-Segretarja tal-Kompetizzjoni: Ms Ginette Manderscheid, Kap tar-Riżorsi Umani, Cedefop, email: HR_Deputy_Director@cedefop.europa.eu
- Fil-preparazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom, il-kandidati ma jistgħu fl-ebda ċirkostanza jagħmlu referenza għal dokumenti, applikazzjonijiet jew formoli oħra mibgħuta b'rabta ma' applikazzjonijiet preċedenti.
- Il-kandidati li jkunu mistiedna għal intervista jkun jeħtiġilhom jipproduċu kopji tad-diplomi, kwalifiki akkademiċi u ċertifikati ta' impjeg, flimkien ma' prova tan-nazzjonalità u ritratt tal-passaport reċenti.
- Id-dokumenti ta' sostenn ma jingħatawx lura lill-kandidati.
- Jekk jogħġbok ara li l-indirizz elettroniku mogħti fl-applikazzjoni tiegħek ikun korrett (u li l-kaxxa postali tiegħek ma tkunx mimlija), peress li ħafna mill-korrispondenza tkun permezz ta' email.

Il-kandidati huma mfakkra li l-proċeduri u d-deliberazzjonijiet tal-għażla huma kunfidenzjali. Huwa pprojbit li l-kandidati jagħmlu kuntatt dirett jew indirett ma' kull individwu involut fil-proċess ta' għażla jew li had-diehor jagħmel dan fisimhom. Il-mistoqsijiet u t-talbiet kollha għal informazzjoni jew dokumentazzjoni fir-rigward tal-kompetizzjoni għandhom jiġu indirizzati lis-Segretarja tal-Kompetizzjoni: Ms Ginette Manderscheid (HR_Deputy_Director@cedefop.europa.eu).

VIII. Protezzjoni ta' dejta personali

Il-Kummissjoni u Cedefop jiżguraw li d-dejta personali tal-kandidati tkun ipproċessata kif mitlub mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta ⁽⁹⁾. Jekk il-kandidat ikollu xi mistoqsijiet rigward l-ipproċessar tad-dejta personali tiegħu/tagħha, hu/hi għandhom jindirizzawhom lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, Cedefop.

IX. Proċeduri ta' appell

Jekk kandidat jikkunsidra li huwa/hija jkunu ġew affettwati b'mod negattiv minn deċiżjoni partikolari, huwa/hija jistgħu jagħmlu lment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal ta' Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' Impjegati Oħra, fl-indirizz hawn taħt:

Head of Human Resources
Cedefop
P.O. Box 22427
551 02 Finikas (Thessaloniki)
Greece

L-ilment irid jitressaq fi żmien 3 xhur wara li l-kandidat ikun ġie infurmat bir-riżultat finali tal-proċedura.

Il-kandidati jkollhom ukoll il-possibbiltà li jilmentaw mal-Ombudsman Ewropew. Jekk jogħġbok innota li l-ilmenti magħmula lill-Ombudsman ma jkollhomx effett ta' sospensjoni għall-perjodu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Fil-każ ta' diskrepanzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tal-avviż tal-post battal, il-verżjoni bl-Ingliż tipprevali.

⁽⁹⁾ ĠUL 8, 12.1.2001, p. 1.